

21.5.2013

B7-0198/28

Emenda 28

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat, Patrick Le Hyaric, Younous Omarjee
fisem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B7-0198/2013

David Martin, Vital Moreira

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji
ġeneralizzati

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

C. billi dawn il-bidliet li għaddejjin
bħalissa joħolqu opportunitajiet importanti
*għall-iżvilupp ta' relazzjoni mtejba ħafna
bejn l-UE u Burma/il-Mjanmar, jgħinu l-
proċess ta' riforma u jikkontribwixxu
għall-iżvilupp ekonomiku, politiku u
soċjali;*

C. billi dawn il-bidliet li għaddejjin
bħalissa *jistgħu* joħolqu opportunitajiet
importanti *biex jgħinu lill-pajjiż u
jikkontribwixxu għall-iżvilupp
ekonomiku, politiku u soċjali fl-interessi
tal-maġġoranza tal-popolazzjoni
f'Burma/il-Mjanmar;*

Or. en

21.5.2013

B7-0198/29

Emenda 29

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat, Patrick Le Hyaric, Younous Omarjee
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B7-0198/2013

David Martin, Vital Moreira

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji
ġeneralizzati

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

G. billi ***fl-imgħoddi*** ħafna setturi tal-attività ekonomika f'Burma/il-Mjanmar, bħall-minjieri, l-injam, iż-żejt, il-gass u l-kostruzzjoni tad-digi kienu konnessi direttament ma' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u mal-qerda tal-ambjent u ***kienu***, fl-istess ħin, is-sors ewlieni ta' dħul ***tal-gvern militari***;

G. billi ħafna setturi tal-attività ekonomika f'Burma/il-Mjanmar, bħall-minjieri, l-injam, iż-żejt, il-gass u l-kostruzzjoni tad-digi kienu ***u għadhom*** konnessi direttament ma' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u mal-qerda tal-ambjent u ***huma***, fl-istess ħin, is-sors ewlieni ta' dħul ***tal-gvern tal-armata***;

Or. en

Emenda 30

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat, Patrick Le Hyaric, Younous Omarjee
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B7-0198/2013****David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji
ġeneralizzati

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Premessa H***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

H. billi l-kumpaniji li joperaw fi stati fraġli u f'żoni b'governanza dgħajfa, bħal Burma/il-Mjanmar, ***jiffaċċjaw riskju ogħla*** li jikkawżaw jew jikkontribwixxu ***għall-ksur*** tad-drittijiet tal-bniedem; billi ***għalhekk huma meħtieġa*** miżuri speċjali ***sabiex jiġi evitat dan ir-riskju, kif rikonoxxut mir-ekwiżiti*** ta' rappurtar tal-Gvern tal-Istati Uniti għal investiment responsabbli f'Burma/il-Mjanmar;

H. billi l-kumpaniji li joperaw fi stati fraġli u f'żoni b'governanza dgħajfa, bħal Burma/il-Mjanmar, ***għandhom aktar probabbiltà*** li jikkawżaw jew jikkontribwixxu ***għal ksur*** tad-drittijiet tal-bniedem, ***inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema***; billi miżuri speċjali ***bħar-ekwiżiti*** ta' rappurtar tal-Gvern tal-Istati Uniti għal investiment responsabbli f'Burma/il-Mjanmar ***konsewwentement huma meħtieġa bħala passi sabiex ma jħallux lill-korporazzjonijiet jieħdu benefiċċju ekonomiku minn sitwazzjonijiet fraġli tad-drittijiet tal-bniedem***;

Or. en

21.5.2013

B7-0198/31

Emenda 31

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat, Patrick Le Hyaric, Younous Omarjee
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B7-0198/2013

David Martin, Vital Moreira

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji
ġeneralizzati

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. Huwa tal-fehma li r-ristabiliment tal-SPĠ jagħti sinjal politiku qawwi li-tmexxija politika fil-Mjanmar/Burma, li fil-livell internazzjonali jmur lil hinn mill-kwistjoni immedjata tax-xogħol furzat; fid-dawl tal-fraġilità kontinwa tas-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, iqis li mhux adegwat li jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni f'dan l-istadju;

Or. en

21.5.2013

B7-0198/32

Emenda 32

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat, Patrick Le Hyaric, Younous Omarjee
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B7-0198/2013

David Martin, Vital Moreira

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji
ġeneralizzati

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*1b. Għadu mħasseb ħafna dwar il-ksur
kontinwu, sistematiku u serju tad-drittijiet
ta' minoranzi etniċi u reliġjużi b'mod
partikolari; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt
li l-iżviluppi reċenti, b'mod partikolari fir-
rigward tar-rwol li jaqdu l-forzi armati,
iqajmu tħassib serju dwar in-natura
irreversibbli tal-programm ta' riforma
għall-paċi u d-demokrazija f'Burma/il-
Mjanmar;*

Or. en

21.5.2013

B7-0198/33

Emenda 33

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat, Patrick Le Hyaric, Younous Omarjee
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B7-0198/2013

David Martin, Vital Moreira

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji
ġeneralizzati

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5. Jirrikonoxxi li, minħabba perjodu twil ta' tmexxija militari **li invadiet u strutturat is-saffi kollha tas-soċjetà ta' Burma**, u minkejja l-inizjattivi **importanti** mmirati lejn id-demokratizzazzjoni, il-bidliet qed iseħħu bil-mod u jeħtieġu għajnuna u appoġġ internazzjonali;

5. Jirrikonoxxi li, minħabba perjodu twil ta' tmexxija militari, ***l-oppressjoni sussegwenti tal-oppożizzjoni politika, is-soċjetà ċivili u l-moviment tat-trade unions, u, parzjalment, minħabba l-pożizzjoni b'saħħitha li l-armata għad għandha llum***, u minkejja l-inizjattivi mmirati lejn id-demokratizzazzjoni, il-bidliet qed iseħħu bil-mod u jeħtieġu għajnuna u appoġġ internazzjonali ***mis-soċjetà ċivili u l-moviment tat-trade unions jekk issir talba għalihom***;

Or. en

Emenda 34

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat, Patrick Le Hyaric, Younous Omarjee
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B7-0198/2013****David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji
ġeneralizzati

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 14***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

14. Iqis li d-divulgazzjoni lill-investituri u l-konsumaturi hija mutur fundamentali tar-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) u trid tkun ibbażata fuq prinċipji soċjali u ambjentali faċilment applikabbli u li jistgħu jitkejlu; ***jenfasizza li dan huwa wkoll importanti sabiex jiġi protett il-valur fit-tul tal-investimenti Ewropej***; jitlob biex din id-divulgazzjoni tkun ibbażata sew fuq appoġġ għall-Prinċipji tan-NU għal Investiment Responsabbli u fuq il-prinċipju dwar rappurtar integrat (IR);

14. Iqis li d-divulgazzjoni lill-investituri u l-konsumaturi hija mutur fundamentali tar-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) u trid tkun ibbażata fuq prinċipji soċjali u ambjentali faċilment applikabbli u li jistgħu jitkejlu; jitlob biex din id-divulgazzjoni tkun ibbażata sew fuq appoġġ għall-Prinċipji tan-NU għal Investiment Responsabbli u fuq il-prinċipju dwar rappurtar integrat (IR); ***jitlob biex is-CSR tinbidel f'mekkaniżmu legalment vinkolanti u b'hekk infurzabbli***;

Or. en

21.5.2013

B7-0198/35

Emenda 35

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat, Patrick Le Hyaric, Younous Omarjee
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B7-0198/2013

David Martin, Vital Moreira

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji
ġeneralizzati

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

17a. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tippreżenta l-proposta tagħha fi żmien 12-il xahar sabiex terġa' tevalwa l-istabbiltà, in-natura irriversibbli u s-sostenibbiltà tal-programm ta' riforma fil-Mjanmar/Burma; huwa konvint li dan il-perjodu ta' żmien ġdid se jippermetti deċiżjoni dwar ir-ristabiliment tal-SPĠ fuq bażi aktar soda u konsolidata;

Or. en